# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Ġunju 2025**

**Rikors Nru: 106/2025**
**Nru fuq il-Lista: 6**

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 2013/2012, fl-ismijiet:**

**Mobisle Communications Ltd**
**[C24655]**

**vs**

**Radley Agius**
**[K.I. Nru. 50983(M)]**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tal-eżekutat Radley Agius (iktar l-isfel imsejjaħ biss bħala l-eżekutat) mressaq fit-13 ta' Marzu 2025[1], fejn ġie premess u mitlub hekk:

> *Permezz ta' rikors preżentat quddiem dina l-Onorabbli Qorti, is-soċjetà Mobisle Communications Ltd talbet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru*

[1] A fol 1 *et seq* tal-proċess.

*eżekuttiv fil-*konfront *tal-esponenti, liema talba ġiet milqugħa permezz ta' digriet ta' nhar il-25 ta' Lulju 2012.*

*Kif jixhdu il-'payslips' li qeghdin jiġu mehmuża ma' dan ir-*rikors, *l-esponenti Radley Agius jirċievi s-salarju tiegħu mill-impjieg tiegħu mal-Ministry for Transport, Infrastructure and Public Works ġewwa l-kont bankarju tiegħu b'IBAN no.* MT61VALL22013000000040020021362 *mal-bank Bank of Valletta plc, liema salarju huwa indispensabbli għall-għejxien tiegħu u tal-familja tiegħu.*

Madanakollu frott l-imposizzjoni tal-*imsemmija ordni ta' sekwestru, meta l-esponenti mar sabiex jiġbed is-salarju tiegħu, il-bank infurmaħ illi dan* ma kienx possibbli stante *l-impożizzjoni ta' din l-ordni ta' sekwestru.*

*Fl-istess waqt, l-artikolu 381(1)(a) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula illi: "Ma jistgħux jinħarġu mandati ta' sekwestru fuq –* (a) salarju *jew paga (magħdudin il-bonus, allowances,overtime u ħlasijiet oħra).* Barra minn hekk, l-artikolu 382 tal-Kap 12 tal-*Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi l-esponenti għandu dritt għas-somma li ma teċċedix is-somma ta' elf mitejn u tlieta u tletin euro (€1233.00) fix-*xahar u li *l-mandat ta' sekwestru għandu jkollu effett biss fuq dik il-*parti mill-*paga tiegħu li teċċedi s-*somma *ta' elf mitejn u tlieta u tletin euro (€1233.00).*

Minkejja dan, l-*esponenti xorta waħda qiegħed jiġi prekluż milli jiġbed is-somma ta' ta' elf mitejn u tlieta u tletin euro (€1233.00) fix-*xahar.

*GĦALDAQSTANT, u in vista tas-*suespost, l-esponenti Radley Agius *qiegħed umilment jitlob illi salv kwalunkwe dikjarazzjoni u/jew ordni meqjusa neċessarja fiċ-ċirkostanzi, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

a) *Tawtorizza lill-esponenti Radley Agius li jirċievi s-salarju tiegħu; u*

b) *Tawtorizza lil bank Bank of Valletta plc li jkompli jirċievi dan is-salarju fil-kont tal- esponenti Radley Agius bl-IBAN MT61VALL22013000000040020021362*

c) *Tawtorizza lill-bank Bank of Valletta plc sabiex iħalli lill-esponenti Radley Agius jiġbed is-salarju tiegħu u/jew jiġbed is-somma ta' elf mitejn u tlieta u tletin euro (€1233.00) fix-xahar mill-kont bankarju tiegħu u dan sakemm jibqa' in effett il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 2013/2012 fl-ismijiet premessi.*

Rat id-digriet tagħha ts-26 ta' Marzu 2025[2] fejn is-soċjetà eżekutata ngħatat żmien għar-risposta u r-rikors ġie appuntat għad-9 ta' April 2025.

Rat li fis-seduta tad-9 ta' April 2025[3] ma seta jsir xejn minħabba nuqqas ta' notifika.

Rat ir-risposta tas-soċjetà eżekutata mressqa fil-21 ta' April 2025[4] permezz ta' liema ġie eċċepit hekk:

*Illi, fl-ewwel lok, is-socjeta' esponenti tigbed l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti illi b'effett mid-19 ta' Dicembru 2015, is-socjeta' Mobisle Communications Limited giet amalgamalta fis-socjeta' esponenti u dan kif jirrizulta mid-dokument, immarkat bhala Dok A, anness;*

---

[2] A fol 5 tal-proċess.
[3] A fol 10 tal-proċess.
[4] A fol 11 *et seq* tal-proċess.

*Illi, fit-tieni lok, bil-prezenti hija umilment topponi ghat-talbiet tar-rikorrenti.*

*Illi s-socjeta' esponenti umilment tissottometti ghas-savju w superjuri gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti li hija ma' ntavolat ebda mandat ta' sekwestru fir-rigward tal-paga tar-rikorrenti u li ghaldaqstant l-Artiklu 382 tal-Kap 12 mhux applikabbli.*

*Illi bhala fatt is-sekwestru indikat sar biss fil-konfront ta' numru ta' banek, flimkien mar-Registratur tal-Qrati, bhala sekwestratarji ghal flejjes li huma jistghu jkollhom depositati ghandhom appartenenti lis-Sur Radley Agius, u li ghaldaqstant l-imsemmi mandat ma jinkwadrax ruhhu la fil-parametri tal-Artiklu 382 u lanqas f'dawk tal-Artiklu 381 tal-Kap 12 li ghalieh l-Artiklu 382 jaghmel riferenza.*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' esponenti umilment tistieden lil din l-Onorabbli Qorti tosserva illi fl-ebda cirkostanza citata fl-Artikli 381 u 382 tal-Kap 12 ma' hemm xi impediment lill-kreditur milli jressaq azzjoni ghas-sekwestru fuq tifdil li debitur jista' jkollu ma' terzi, inkluz socjetajiet bankarji.*

*Illi l-unici eccezzjonijiet li l-imsemmi Artiklu 381 tal-Kap. 12 jaghmel fir-rigward ta' facilitajiet bankarji huma dawk stipulati fis-sub incizi (g), (h) u (j) tas-sub inciz (1) li jirrigwardjaw l-overdrafts ta' azjendi kummercjali, garanziji bankarji w ittri ta' kreditu, kif ukoll kontijiet bankarji li huma uzati biss u esklussivament biex jircievu fihom depoziti skont il-paragrafi (b), (c), u (i), liema paragrafi mghandhom l-ebda konnessjoni ma' depoziti gejjin minn pagi.*

*Illi ghaldaqstant, salv ghall-eccezzjonijiet hawn fuq imsemmija, kull ammont ta' tifdil huwa minn natura tieghu sekwestrabbli. Li ma kienx hekk, fl-umli fehma tas-socjeta' esponenti, kieku l-effett tal-istitut tal-mandat ta' sekwestru jigi, de facto, rez bhala wiehed ineffettiv.*

*Illi li kieku din l-Onorabbli Qorti tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, s-socjeta' esponenti sejra ssofri dannu ghaliex ma' jkollha l-ebda serhan il-mohh li l-ammonti lilha dovuti sejrin filfatt jigu mhallsa.*

*Illi in sostenn tal-argumenti taghha, s-socjeta' esponenti umilment tistieden lil din l-Onorabbli Qorti tiehu konjizzjoni tad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, diversament ippresjeduta, tal-10 ta' Mejju 2021 fir-Rikors bin-numru 99/21 VG '**Wara l-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv 2957/2011 fl-ismijiet: Mobisle Communications Ltd. vs Susan Muscat**' (Dok B anness), kif ukoll ghad-decizjoni tal-25 ta' Novembru 2024 fir-Rikors bin-numru 236/2024 VG '**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 1144/2015 fl-ismijeit: Mobisle Communications Limited vs Dominic Camilleri'** (Dok C anness).*

*Illi ghaldaqstant, is-socjeta' esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez ghall-istess rikorrenti.*

Rat dak li seħħ fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2025[5] fejn instemgħet ix-xhieda tal-eżekutat Radley Agius[6]. Dakinhar ġiet ordnata l-allegazzjoni tal-mandat ta'

[5] Verbal relattiv jibda a fol 22 tal-proċess.
[6] Xhieda relattiva tibda a fol 24 tal-proċess.

sekwestru relattiv u nstemgħet it-trattazzjoni finali[7], filwaqt li r-rikors tħalla għall-provvediment għal-lum.

Rat l-atti proċesswali kollha, inkluż dawk tal-mandat relattiv fl-ismijiet **Mobisle Communications Limited vs Radley Agius,** (Mandat Nru: 2013/12) maħruġ fil-25 ta' Lulju 2012[8].

**Ikkunsidra**

Illi dan tal-lum huwa provvediment għal talba tal-eżekutat, sabiex kont bankarju speċifiku tiegħu jinħeles mill-effetti tal-mandat ta' sekwestru sal-ammont misjub fil-liġi u dan sakemm jibqa' ħaj l-istess mandat.

Illi permezz ta' deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal għal-Talbiet Żgħar fl-ismijiet **Mobisle Communications Ltd vs Radley Agius**[9] nhar il-24 ta' April 2012, l-eżekutat ġie ikkundannat iħallas lis-soċjetà eżekutanti l-ammont ta' €1,442.81ċ.

Illi minn din is-sentenza ma sar l-ebda appell.

Illi fil-25 ta' Lulju 2012 imbagħad, is-soċjetà eżekutanti talbet u ottjeniet il-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru relattiv, fl-ammont ta' €1,871.84ċ. Mix-xhieda ta' Radley Agius, jirriżulta li dan l-ammont għadu dovut fl-intier tiegħu.

Illi mill-ewwel jingħad li l-argument tas-soċjetà eżekutanti, fejn din tgħid li l-artikolu utilizzat mill-eżekutat huwa applikabbli meta s-sekwestru jkun inħareġ kontra s-sid tax-xogħol, huwa tajjeb.

[7] Debitament reġistrata u traksritta u tibda a fol 35 tal-proċess.
[8] L-oriġinali tal-mandat jinsab anness mal-wara tal-proċess odjern.
[9] Talba Nru: 638/2011.

Illi l-għan ta' mandat ta' sekwestru, kemm jekk dan huwiex wieħed eżekuttiv (bħal dak hawn diskuss) jew kawtelatorju huwa dak maħruġ minn kreditur li jkun irid iżomm li flejjes jgħaddu f'idejn d-debitur tiegħu[10]. Mandat bħal dan jgħodd kemm għal dak il-ġid li jkun f'idejn is-sekwestratarju meta jiġi milqugħ il-ħruġ tiegħu u kemm dak li jaqa' f'idejn l-istess sekwestratarju wara l-ħruġ[11].Issa, l-artikolu 381, isemmi lista ta' ħwejjeġ li ma jistgħux ikunu suġġetti għal mandat bħal dan, artikolu li għandu jitqies bħala ta' natura eċċezzjonali[12].

Illi fost dawn l-eċċezzjonijiet insibu li, fi kliem l-artikolu 381(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, salarju jew paga (magħdudin il-bonus, *allowances*, *overtime* u ħlasijiet oħra) ma jistgħux ikunu soġġett għal mandat bħal dan. Madanakollu, din l-eċċezzjoni m'hijiex waħda totali, għaliex, skond imbagħad l-artikolu 382(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa biss dak l-ammont taħt l-ammont ta' €1,233.00 li ma jistax jiġi sekwestrat[13].

---

[10] Artikolu 375 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ara f'dan is-sens id-deċiżjoni fl-ismijiet **Jimcam Enterprises Ltd vs Charles Zammit *et,*** (Rik Nru: 146/2009) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-7 ta' April 2009 u dik fl-ismijiet **Maria Dolores *sive* Doris Magro vs Leonard Vella *et,*** (Rik Nru: 558/2022) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-11 ta' Awwissu 2022.

[11] Ara f'dan is-sens dak deċiż fil-proċeduri fl-ismijiet **Lino Micallef *pro et noe* vs Bank of Valletta plc *et,*** (Ċit Nru: 572/2000/1) deċiżi mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-13 ta' Frar 2004 fejn ingħad hekk: *"In propositu l-Qorti tosserva li fil fehma taghha l-interpretazzjoni korretta tal-Artikolu 375 tal-kap.12 li ghalih saret referenza mill-konvenut, hija fis-sens li malli s-sekwestrarju jigi notifikat bl-ordni tas-sekwestru huwa ghandhu izomm jew jiddepozita dawk ilflus jew hwejjeg bizzjjed sabiex tithallas it-talba tas-sekwestrant. Din l-ordni tkopri kemm il-flus li jkollu fil pussess tieghu dak il-hin, kif ukoll dawn li jigu fil-pussess tieghu anke wara, purche' il-mandat jkun ghadu jsehh. Din l-interpretazzjoni hija konformi mal-ispirtu tal-ligi intiza biex taghti rimedju effettiv lill kreditur biex jigbor minghand id-debitur dak li hu dovut lilu. Aliter u jekk l-obbligu tas-sekwestratarju jkun limitat biss ghall-flus jew hwejjeg li dan ikollu fil-pusses tieghu fil-hin tan-notifika, ikun facli hafna kemm ghas-sekwestratarju kif ukoll ghad-debitur li jeludu d-drittijiet tal-kreditur multo magis fejn is-sekwestrarju ma jkun Bank."*.

[12] F'dan is-sens issir referenza għad-digriet fl-ismijiet **HSBC Malta plc vs Joseph Dimech *et,*** (Rik Nru: 913/2021) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-19 ta' Ottubru 2021.

[13] Dan l-ammont ġie mibdul bis-saħħa A.L. 302 tal-2023, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2024.

Illi minkejja dan, instab li meta l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' sekwestru jolqot **kont bankarju** ta' xi eżekutat, jista' jkun li l-flejjes ġejjin mill-paga tal-istess eżekutat jitilfu l-karattru tagħhom[14], għaliex dak il-kont jitqies bħala awtonomu mill-fonti tal-flejjes depożitati fih[15]. Fi kliem ieħor, meta paga tintbagħat direttament f'kont bankarju tal-impjegat, il-fondi jsiru parti mill-assi f'tali kont, u għalhekk soġġett għall-effetti tal-mandat, mingħajr il-limitazzjoni tal-liġi[16]. Ir-riljevi ġurisprudenzjali magħmula mis-soċjetà eżekutanti kienu għalhekk tajbin[17] u din il-Qorti qiegħda tagħmel tagħha it-tgħalim hemm misjub.

---

[14] F'dan is-sens issir referenza għad-digriet fl-ismijiet **Horace Scicluna *et* vs Silvio Zahra *et,*** (Avv Nru: 248/2012) mogħti minn din il-Qorti diversament preseduta nhar id-19 ta' Settembru 2012 fejn ingħad hekk: *"Dan l-artikolu huwa applikabbli meta s-sekwestrarji ikunu l-employers u/jew dipartiment u ma hux applikabbli meta is-sekwestrarji ikunu il-banek. Dan ghaliex hekk kif flejjes jigu depozitati f'kont bankarju huma jigu meqjusa bhala depozitu kummercjali u b'hekk nonostante l-fatt li jistghu ikunu pensjoni/paga/allowance/ghajnuna, hekk kif jigu depositati huma jitilfu in-natura taghhom bhala tali u jigu meqjusa bhala depozitu bankarju".* Ta' interess huwa wkoll dak ritenut fid-digriet fl-ismijiet **BOV plc vs Valerie Cutajar,** (Avv Nru:: 181/2008) mogħti minn din il-Qorti kif hemm preseduta nhar it-28 ta' Mejju 2008.

[15] Kif tajjeb ġie mtennit fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Tabib Prinċipali tal-Gvern, vs Hazel Pannel,** (Appell Ċivili Numru. 406/2008/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-27 ta' Marzu 2009 fejn ingħad hekk: *"L-ezekuzzjoni tal-Mandat ta' Sekwestru kkolpixxa f'dan il-kaz il-kont bankarju ta' lappellanti. Dak il-kont huwa awtonomu mill-fonti tal-flejjes depozitati fih u, allura, strettament l-Artikolu 381 tal-ligi ma jistax lanqas ikollu applikabilita`. Li kieku kellu jigi ragunat mod iehor ikun ifisser illi l-ebda mandat ta' sekwestru ma jkun jista' jigi servut f'idejn il-banek jew dan ikollu effett fejn il-kontijiet tad-debitur jkunu jikkonsistu minn depoziti ta' salarji, paga, pensjonijiet jew flejjes ohra ghal liema tipprovdi l-elenkazzjoni fil-predett artikolu. Dan certament mhux dak li tghid jew trid il-ligi tant li f'din l-istess elenkazzjoni mkien ma huma annoverati d-depoziti bankarji, hu x'inhu s-sors taghhom."*

[16] Kif tajjeb intqal fil-proċeduri fl-ismijiet **Bank of Valletta p.l.c. vs Edward Pace Balzan *et,*** (Rik Nru: 496/2017) magħluqa mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta' Ġunju 2017 fejn ngħad hekk: *"Illi l-bank eżekutat jgħid sewwa meta jargumenta li ladarba l-paga tintbagħat direttament f'kont bankarju ta' impjegat, il-fondi jsiru parti mill-assi f'tali kont u ma jibqgħux aktar jingħarfu skond l-għajn li minnu jitnisslu13. Għalkemm il-Qorti tara li dan jista' joħloq diffikulta' minħabba l-prattika mifruxa li teżisti fejn salarji, pagi jew pensjonijiet jintbagħtu direttament f'kont bankarju, jidher li l-qagħda legali fejn jidħlu l-effetti ta' Mandati ta' Sekwestru ma tħallix għażla lis-sekwestratarju li jrid joqgħod għall-ordni ta' Qorti. Dan jitlob lill-parti li tkun intlaqtet b'Mandat bħal dak li tagħmel arranġamenti mal-prinċipal tagħha jew id-dipartiment li jkun li l-ħlas dovut jingħata direttament lill-impjegat jew lill-benefiċjarju;* Bl-istess mod, issir referenza għad-digriet fil-proċeduri bl-ismijiet **GSD Marketing Limited vs Jade Limited *et,*** (Rik Nru: 703/20) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-25 ta' Settembru 2020.

[17] Saret referenza għad-digriet fl-ismijiet **Mobisle Communications Limited vs Susan Muscat,** (Rik Nru: 99/2021) mogħti minn din il-Qorti kif hemm preseduta nhar il-10 ta' Mejju

Illi l-fehma tal-Qorti tinsab imsaħħa b'dak li seħħ bil-promulgazzjoni tal-Att LXII tas-sena 2021, li daħħal, fost l-eżenzjonijiet, is-sub-artikolu 381(1)(j) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan illum jgħid hekk:

> *(j) kontijiet bankarji li huma użati biss u esklussivament biex jirċievu fihom depożiti skont il-paragrafi (b), (ċ) u (i). Banek li huma indikati bħala sekwestratarji f'mandat ta' sekwestru għandhom jiżguraw li dawn il-kontijiet ma jiġux milquta bl-effetti tal-istess mandat ta' sekwestru: Iżda l-banek huma obbligati li jiftħu, u jżommu miftuħa, il-kontijiet bankarji għall-għanijiet hawn fuq imsemmija."*

Illi mela meta jintwera minn xi eżekutat li **kont bankarju** jkun qiegħed jintuża esklussivament għal dawk il-flejjes imsemmija fl-istess artikolu, hemmhekk iva huma **l-banek** li għandhom obbligu jaraw li dawn ma jiġux milquta[18]. Il-leġislatur però ma żiedx l-eċċezzjoni indikata fl-artikolu 381(1)(a) fost din il-lista. Din l-emenda allura rrinforzat il-ġurisprudenza msemmija iktar qabel.

Illi applikat dan kollu għal-każ in kwistjoni, jirriżulta li l-mandat ta' sekwestru hawn lamentat ma jinkludix sid ix-xogħol tal-eżekutat bħala wieħed mill-lista ta' sekwestratarji, iżda dawn huma limitati biss għal xi banek lokali u ir-Reġistratur tal-Qorti. Għalhekk, l-eżekutat ma jistax jinqeda bl-artikolu 382 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jeħles il-kont tiegħu mill-effetti tal-mandat.

---

2021 u d-digriet fl-ismijiet **<u>Mobisle Communications Limited vs Dominic Camilleri</u>**, (Rik Nru: 236/2024) mogħti minn din il-Qorti kif hemm preseduta nhar il-25 ta' Novembru 2024.

[18] Għat-tħaddim ta' dan l-artikolu, wieħed huwa mistieden jara dak raġunat u deċiż fil-proċeduri fl-ismijiet **<u>Princess Holdings Limited vs Donatella Falzon,</u>** (Rik Nru: 18/2022) mogħti minn din il-Qorti diversament preseduta fit-3 ta' Mejju 2022 u d-digriet fl-ismijiet **<u>Carmelo *sive* Charles Bianco *noe* vs Jamila Essail,</u>** (Rik Nru: 921/21/2) mogħti mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-25 ta' Jannar 2023.

Illi finalment il-Qorti tagħlaq billi tgħid li r-referenza għad-digriet fl-ismijiet **Joseph Bartolo vs Crocefisso Briffa**[19], magħmula mill-eżekutat[20], m'għandhiex applikazzjoni hawnhekk. Dawk il-proċeduri kienu jirrigwardaw flejjes indikati fl-artikolu 831(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li kif rajna, huma issa milquta bl-emenda tas-sena 2021. Dan m'huwiex il-każ tal-lum.

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan ir-rikors billi tiċħad it-talba tal-eżekutat.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu minn Radley Agius.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

[19] Rik Nru: 75/2025, mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-24 ta' Marzu 2025.
[20] Ara parti relattiva tat-trattazzjoni finali a fol 36 tal-proċess.